MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 1130/2005/1

**Paul Portelli u Mary Anne sive Marion mart l-istess Paul Portelli (Karti ta' l-identita` bin-numri 219248M u 863046M rispettivament)**

**v.**

**Eugenia sive Jean Agius (Karta ta' l-Identita` bin-numru 295147M)**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar l-eccezzjoni sollevata *in limine* mill-appellanti Agius fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2006.

F'dik l-udjenza l-appellanti, permezz tal-abbili difensur taghha l-Avukat Ian Refalo, eccepiet ir-rikuza "ta' l-imhallfin komponenti din il-Qorti peress li huma b'xi mod jew iehor hadu konjizzjoni ta' xi kawza bejn l-istess partijiet konnessa mal-meritu ta' din il-kawza". F'dik l-udjenza din il-Qorti kienet tat lill-partijiet sas-26 ta' Mejju zmien biex jippresentaw nota qasira "li tispjega kif din l-eccezzjoni hija fondata o meno". Effettivament l-atturi appellati ppresentaw nota fis-17 ta' Mejju 2006 (bil-visto ta' l-Avukat Ian Refalo), <u>pero` l-appellanti baqghet ma ppresentat ebda nota</u>.

Ghalkemm l-appellanti ma specifikat ebda disposizzjoni partikolari tal-ligi, din il-Qorti tifhem li l-eccezzjoni hi msejsa fuq is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 734 tal-Kap. 12. Dan jipprovdi li ***"L-imhallef jista' jigi rrikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza…jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru: Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni, moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definittivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet u lanqas ghal sentenza li tehles <u>ab observantia</u>"***.

Il-kawza odjerna hija wahda fejn l-appellati, il-konjugi Portelli, talbu u ottjenew mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, permezz ta' kawza bil-giljottina, l-izgumbrament ta' l-appellanti Agius mill-fond Flat 3, 7 Triq San Gwann Bosco (kantuniera ma' Triq it-Torri) f'Tas-Sliema. Huma allegaw li l-istess Agius kienet qed tokkupa dan il-fond bla ebda titolu validu skond il-ligi wara li l-istess fond gie trasferit minnha u minn zewgha a favur ta' l-appellati konjugi Portelli. Dan it-trasferiment, li sehh permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Tonio Spiteri tas-7 ta' Novembru 2005, kien gie ordnat b'sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta[1]) tas-6 ta' Ottubru 1999. Fl-udjenza tas-17 ta'

---

[1] S.T.O. Prim Imhallef Joseph Said Pullicino, Onor. Imhallef Carmel A. Agius u Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri. In prim istanza s-sentenza kienet inghatat mill-Onor. Imhallef Joseph Filletti.

Jannar 2006, l-appellanti, allura konvenuta, “talbet li tithalla tikkontesta l-kawza billi l-atturi ma ghandhomx interess li jmexxu bil-kawza tal-lum ghax l-att li bih huma kisbu l-fond li minnu qeghdin jitolbu l-izgumbrament tal-konvenuta ma jiswiex u saret kawza minn terzi biex timpunja l-istess att” (ara l-verbal a fol. 33 ta’ l-atti). Dik il-Qorti, cioe` l-Prim Awla, wara li ddecidiet li l-konvenuta ma wrietx, imqar *prima facie*, li kellha eccezzjoni tajba xi tressaq kontra t-talbiet ta’ l-atturi, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12, laqghet it-talba ghall-izgumbrament.

Agius appellat. Hija tikkontendi li l-ewwel Qorti malament iddecidiet li tizgombraha bil-procedura tal-giljottina, ghax messha hallietha tikkontesta billi kellha eccezzjonijiet validi x’taghti. Skond l-appellanti, il-karenza ta’ interess guridiku fl-appellati jemana mill-fatt illi *“…t-titolu li huma ghandhom ghall-proprjeta` huwa wiehed difettuz. In fatti l-proprjeta` giet minnhom akkwistata…b’kuntratt li sar fis-7 ta’ Novembru 2005 meta kien hemm pendenti fil-Qorti subbasta maghmula minn terzi tal-proprjeta` li kienet qed tigi akkwistata u l-istess atturi kienu konxji mill-fatt tal-pendenza ta’ din is-subbasta. Il-ligi tipprovdi espressament li fil-pendenza tas-subbasta s-sid ma jistax jaljena u jitrasferixxi l-proprjeta` li tkun qed tigi subbastata u li ghalhekk kull att ta’ vendita maghmul mis-sid f’dawn ic-cirkostanzi huwa meqjus null.”*

Din il-Qorti qed tirriproduci hawn fuq in sintesi l-vertenza bejn il-partijiet, ghax ma ingiebet a konjizzjoni taghha ebda sentenza ta’ din il-Qorti jew ta’ xi Qorti ohra, sedenti f’dik il-Qorti xi wiehed jew aktar mill-Imhallfin komponenti din il-Qorti llum, li b’xi mod, direttament jew indirettament, iddeterminat tali vertenza. Bejn zewg partijiet jista’ jkun hemm diversi kawzi, li jistghu jkunu anke fuq l-istess oggett, izda jekk il-kawzali – l-hekk imsejha *causa petendi* – tkun differenti, wiehed ma jistax jghid li hemm <u>l-istess</u> kawza. Bizzejjed wiehed jaghti l-ezempju ta’ litigji bejn is-sid ta’ fond u l-inkwilin, li jista’ jkollhom kawza bejniethom dwar hsara allegatament kagunata fil-fond mill-inkwilin, kawza ohra dwar in-nuqqas tas-sid li jeffettwa riparazzjonijiet fil-fond hekk mikri, u finalment kawza ghall-

izgumbrament ta’ l-inkwilin mill-fond ghax dan ma jkunx hallas il-kera. Ma hemm xejn fil-ligi jew fil-gurisprudenza li josta ghal li dawn it-tlett kawzi jinstemghu u jigu decizi mill-istess gudikant. Anzi, jekk dawn jigu t-tlieta li huma assenjati lill-istess gidikant, huwa ma jistax jonqos milli jiddecidihom, u dan proprju in omagg ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 733 tal-Kap. 12 li gudikant ma jistax jigi rikuzat jew jastjeni hlief ghar-ragunijiet li tipprospetta l-ligi.

Din il-Qorti ezaminat is-sentenzi u provvedimenti kollha indikati mill-atturi appellati fin-nota taghhom tas-17 ta’ Mejju 2006, u tara li ma hemmx identita` bejn dawk il-kawzi (ossia dawk li taw lok ghal dawk is-sentenzi u provvedimenti) u l-kawza odjerna, u dan ghax il-kawzali (maghduda l-eccezzjonijiet sollevati in prim istanza u l-aggravji ta’ xi appell li seta’ sar) f’dawk il-kawzi u fil-kawza odjerna huma differenti. Anqas ma setghet din il-Qorti ssib xejn f’dawk is-sentenzi u provvedimenti – u anqas ma gie indikat lilha xejn – li b’xi mod jista’ jindika li xi wiehed mill-Imhallfin komponenti din il-Qorti llum, kien ippronunzja ruhu, direttament jew indirettament, fuq il-meritu tal-vertenza odjerna.

Ghall-motivi premessi, tichad l-eccezzjoni ta’ rikuza sollevata fl-udjenza tas-16 ta’ Mejju 2006, u tordna l-prosegwiment ta’ dana l-appell. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------